**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR. GINO CAMILLERI,LL.D.**

**SEDUTA Tal-15 TA' GUNJU, 2001**.

Citazzjoni Numru 869/01

fl-ismijiet:

**Public Broadcasting Services Ltd.**

**Vs.**

**Melitanet Limited**

Il-Qorti;

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:-

Illi is-socjeta attrici provdit servizzi ta' reklamar fuq il-mezzi tax-xandir taghha lis-socjeta konvenuta kif kien miftiehem skond il-ftehim milhuq bejniethom;

Illi is-socjeta konvenuta hija debitrici tas-socjeta atrici ghas-somma ta' elf, erba' mija u tmienja u tletin lira maltin u erbghin centezmu (Lml,438.40) rapprezentanti bilanc ta' ammont akbar dovut bhala prezz tal-fuq imsemmija servizzi ta' reklamar kif jidher mill-kopja ta' l-istatement li qed jigi hawn anness u mmarkat Dok. A;

Illi ghalkemm is-socjeta konvenuta kemm il-darba giet interpellata sabiex tissalda l-fuq imsemmi debitu, anke permezz ta' ittra ufficjali datata l ta' Settembru, 2000 kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok B, hija baqghet inadempjenti;

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-artikolu l67-170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. L2), stante li l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u is-socjeta konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti kontra t-talba ghal-hlas ta' l-istess ammont;

Talbet ghalhekk lis-socjeta konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddeciedi skond it-talba attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond l-artikolu l67-l70 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. L2); u

2. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici is-somma ta' elf, erba' mija u tmienja u tletin lira maltin u erbghin centezmu (Lml,438.40) rapprezentanti bilanc ta' ammont akbar dovut bhala prezz tal-fuq imsemmija servizzi ta' reklamar rezi lis-socjeta konvenuta fuq il-mezzi tax-xandir tas-socjeta attrici;

Bl-ispejjes u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra is-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit tas-socjeta attrici u id-dokumenti l-ohra;

Rat li is-socjeta konvenuta debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u fis-seduta tallum imsejjha tlett darbiet lanqas ma deheret;

Peress li fic-cirkostanzi t-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni jidhru gustifikati u jidher wkoll li hemm lok li is-sentenza tinghata llum stess, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-artiklu l67 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tilqa it-talbiet tas-socjeta attrici kif dedotti fic-citazzjoni, bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjes kontra is-socjeta konvenuta.

Imhallef

Dep. Registratur